

Komunikazzjoni mill-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(2016/C 365/05)

STEDINA PUBBLIKA GĦAL OFFERTI GĦAL KONĊESSJONI GĦALL-PROSPETTAR U L-ESPLORAZZJONI TA' DEPOŻITI TAŻ-ŻEJT U L-GASS NATURALI U L-ESTRAZZJONI TAŻ-ŻEJT U L-GASS NATURALI FIŻ-ŻONA TA' "RYKI"

TAQSIMA I: BAŻI LEGALI

1. L-Artikolu 49h(2) tal-Att dwar il-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri (Il-Ġurnal tal-Liġijiet (*Dziennik Ustaw*) 2015, il-punt 196, kif emendat)
2. Ir-Regolament tal-Kabinett tat-28 ta' Lulju 2015 dwar l-offerti għall-konċessjonijiet għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti tal-idrokarburi u l-estrazzjoni tal-idrokarburi, u konċessjonijiet għall-estrazzjoni tal-idrokarburi (Il-Ġurnali tal-Liġijiet, 2015, il-punt 1171)
3. Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3; Edizzjoni speċjali bil-Pollakk: il-Kapitolu 6, il-Volum 2, p. 262)

TAQSIMA II: L-ENTITA LI TILQA' L-OFFERTI

Isem: Il-Ministeru tal-Ambjent
 Indirizz postali: ul. Wawelska 52/54, 00-922 Warszawa, Poland
 Telefon: +48 223692449, +48 223692447; Feks: +48 223692460
 Sit tal-Internet: www.mos.gov.pl

TAQSIMA III: SUĠĠETT TAL-PROĊEDURA

1. tip ta' attivitajiet li għalihom tingħata l-konċessjoni:

Konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u l-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u l-gass naturali fiż-żona ta' "Ryki", il-blokk ta' konċessjoni 276, 277, 296 u 297.

2. żona li fiha għandhom jitwettqu l-attivitajiet:

Il-konfini taż-żona koperta b'din il-proċedura ta' offerta huma definiti b'linji li jgħaqqdu l-punti b'dawn il-koordinati fis-sistema ta' koordinati PL-1992:

Punt Nru	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
1	435 481,979	700 604,461
2	412 349,860	725 578,280
3	407 494,550	731 105,463
4	398 381,374	724 478,081
5	391 027,020	724 815,787
6	398 721,512	708 533,597
7	406 938,848	691 560,887
8	407 325,820	692 222,720
9	409 150,210	695 716,820
10	416 283,820	695 521,790
11	417 513,160	683 035,520

Punt Nru	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
12	420 925,352	682 944,964
13	421 010,200	685 294,800
14	420 923,257	685 271,705
15	420 469,347	685 725,435
16	420 460,444	686 189,020
17	419 968,312	687 320,488
18	419 554,494	687 716,988
19	419 553,988	688 409,446
20	420 317,355	689 664,428
21	420 580,600	689 659,355
22	421 133,163	688 618,600
23	421 361,480	694 639,270
24	424 645,990	692 342,610
25	435 143,760	691 942,040

Is-superfiċe tal-projezzjoni vertikali taż-żona koperta minn din il-proċedura ta' offerta hija 968,69 km².

Iż-żona koperta bil-proċedura ta' offerta tinsab f'dawn id-distretti u municiplitalitajiet fil-Provinċji ta' Mazowieckie u Lubelskie.

Id-distrett ta' Kozienice, il-municiplitalitajiet ta' Gniewosów (2,53 % taż-żona), Sieciechów (0,19 %), Kozienice (0,07 %),

id-distrett ta' Garwolin, il-municiplitalità ta' Trojanów (6,82 %),

id-distrett ta' Ryki, il-municiplitalitajiet ta' Kłoczew (4,10 %), **Ryki (16,01 %)**, Stężyca (6,77 %), Dęblin (3,91 %), Nowodwór (1,39 %), Ułęż (5,24 %),

id-distrett ta' Lubartów, il-municiplitalitajiet ta' Michów (0,82 %), Abramów (4,94 %),

id-distrett ta' Puławy, il-municiplitalitajiet ta' Baranów (7,85 %), Żyrzyn (13,34 %), Puławy (8,56 %), il-belt ta' Puławy (2,79 %), Końskowola (5,94 %), Kurów (8,15 %), Nałęczów (0,18 %), Markuszów (0,41 %).

L-għan tax-xogħol li għandu jitwettaq f'formazzjonijiet Devonjani u Karboniferi huwa li jiġu dokumentati u estratti ż-żejt u l-gass naturali fiż-żona deskritta hawn fuq.

3. limitu ta' żmien, mhux anqas minn 90 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż, u l-post għas-sottomisjoni tal-offerti:

L-offerti għandhom jitressqu lill-kwartieri tal-Ministeru tal-Ambjent sa mhux aktar tard mill-16:00 HEC/ĦSEĊ fl-aħħar jum tal-perjodu ta' 91 jum li jibda fil-jum tal-għada tal-pubblikazzjoni tal-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

4. speċifikazzjonijiet dettaljati tal-offerta, inkluż il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-offerta u speċifikazzjoni tal-piż tagħhom, bl-iżgurar li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 49k tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u dwar il-Minjieri tad-9 ta' Ġunju 2011 ġew sodisfatti:

L-offerti jistgħu jitressqu mill-entitajiet li fir-rigward tagħhom inħarġet deċiżjoni li tikkonferma r-riżultat pożittiv ta' proċedura ta' kwalifika, kif previst fl-Artikolu 49a(16)(1) u (2) tal-Att tal-Liġi Ġeoloġika u dwar il-Minjieri, jew bħala l-operatur jekk għadd ta' entitajiet ikunu qed japplikaw b'mod konġunt għall-konċessjoni.

L-offerti li jaslu se jiġu evalwati mill-kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti abbażi ta' dawn il-kriterji:

- 30 % – kapaċitajiet finanzjarji li joffru garanzija xierqa li attivitajiet b'rabta ma', rispettivament, li l-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti tal-idrokarburi u l-estrazzjoni tal-idrokarburi se jitwettqu, u b'mod partikolari s-sorsi u l-metodi tal-finanzjament tal-attivitajiet maħsuba, inkluż is-sehem ta' fondi proprji u finanzjament estern;
- 25 % – kapaċitajiet tekniċi għal, rispettivament, il-prospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti taż-żejt u l-estrazzjoni tal-idrokarburi, u b'mod partikolari d-disponibilità tal-potenzjal tar-riżorsi tekniċi, organizzattivi, loġistiċi u umani;
- 20 % – kamp ta' applikazzjoni u skedar ta' xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew operazzjonijiet ta' minjieri proposti;
- 10 % – l-esperjenza fil-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti tal-idrokarburi jew l-estrazzjoni ta' idrokarburi, filwaqt li tkun żgurata operazzjoni sikura, il-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-ħarsien ambjentali;
- 10 % – it-teknoloġija proposta għat-twettiq ta' xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew l-operazzjonijiet tal-minjieri, bl-użu ta' elementi innovattivi żviluppati għal dan il-proġett;
- 5 % – kamp ta' applikazzjoni u skedar tal-ġbir obligatorju ta' kampjuni miksuba matul operazzjonijiet ġeoloġiċi, inklużi l-massi ċilindriċi tat-tħaffir.

Jekk, wara l-evalwazzjoni tal-offerti abbażi tal-kriterji speċifikati hawn fuq, żewġ offeriti jew aktar jirċievu l-istess punteġġ, l-ammont tat-tariffa għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni dovuta matul il-fażi tal-esplorazzjoni se tintuża bħala kriterju addizzjonali li jippermetti li ssir għażla finali bejn l-offerti kkonċernati.

5. **I-ambitu minimu tal-informazzjoni ġeoloġika:**

Data ta' konċessjoni	isem iż-żona: Ryki post: fuq l-art; blokk ta' konċessjoni 276, 277, 296 u 297
Tip ta' depożitu	depożiti taż-żejt u tal-gass naturali konvenzjonali u depożiti ta' gass naturali mhux konvenzjonali
Livelli strutturali	Ċenożojku Mesożojku Paleożojku
Sistemi taż-żejt mhux maħdum	I – konvenzjonali, Paleożojka żaġġżuġha (Devonjana + Karbonifera) II – mhux konvenzjonali, Paleożojka (Devonjana ta' Fuq, Frasnjana)
Blat sors	I – Blat taflin u tat-tajn Devonjan (Frasnjan and Famennjan) u sedimenti tal-blat tat-tajn taflin Karboniferi II – Franka Devonjana (Frasnjana) ta' Fuq
Blat ġibjun	I – Sedimenti u blat imrammel Karboniferu klastiku ta' Fuq bl-inklużjonijiet ta' blat tat-tajn Devonjan (Famennjan) ta' Fuq II – Franka Devonjana (Frasnjana) ta' Fuq
Blat siġill	I – blat tat-tajn taflin, karbonat, ġir taflin, u f'xi nħawi ġebel evaporattiv Devonjan u kumplessi ta' ġebel tat-tajn Karboniferu, blat imrammel u blat taflin II – franka Devonjana (Frasnjana) ta' Fuq
Il-ħxuna tat-toqol żejjed	minn 1 150 m fil-parti tax-Xlokk sa 1 500 m fil-parti tal-Majjistral

Tip tal-qabda	strutturali, stratigrafika, strutturali-stratigrafika
Depożiti identifikati fil-viċinanza (GN - gass naturali; Ż - żejt)	<p>Glinnik (O) - misjub fl-1991; produzzjoni kumulattiva: 6 170 tunnellata; il-produzzjoni fl-2014: 340 tunnellata; riżervi u riżorsi: 8 000 tunnellata (industrijali: 5 390 tunnellata)</p> <p>Glinnik (GN assoċjat) - misjub fl-1991; produzzjoni kumulattiva: 600 000 m³; il-produzzjoni fl-2014: 40 000 m³, riżervi u riżorsi: 680 000 m³ (industrijali: 520 000 m³)</p> <p>Stężycza (GN) - misjub fl-2002; produzzjoni kumulattiva: 404 330 000 m³; il-produzzjoni fl-2014: 690 000 m³, riżervi u riżorsi: 402 880 000 m³ (industrijali: 106 420 000 m³)</p> <p>Świdnik (Ż) - misjub fl-1982; sfruttati fl-1998-2003; produzzjoni kumulattiva: 9 520 tunnellata u 710 000 m³ ta' gass assoċjat</p> <p>Ciecierzyn (NG) - misjub fl-1988; produzzjoni kumulattiva: 171 590 000 m³ (mill-2000); il-produzzjoni fl-2014: 15 240 000 m³, riżervi u riżorsi: 472 320 000 m³ (industrijali: 259 880 000 m³)</p> <p>Mełgiew A u B (NG) - misjub fl-1997; produzzjoni kumulattiva: 451 570 000 m³ (mill-2003); il-produzzjoni fl-2014: 23 130 000 m³, riżervi u riżorsi: 800 430 000 m³ (industrijali: 172 590 000 m³)</p>
Stharriġ siżmiku lest (is-sid)	<p>1974 Lublin Permezz 2D (It-Teżor)</p> <p>1979-1981, 1983-1986, 1988-1989 Thuszcz-Dęblin-Lublin 2D (It-Teżor)</p> <p>1985 Wilga-Abramów 2D (It-Teżor)</p> <p>1989, 1991, 1993-1994 Thuszcz-Dęblin-Lublin 2D (PGNiG)</p> <p>1989-1992 Wilga-Abramów 2D (PGNiG)</p> <p>1992, 1994, 1996 Żelechów-Radzyń Podlaski-Kock 2D (PGNiG)</p> <p>1993 Żelechów-Radzyń Podlaski 2D (PGNiG)</p> <p>1995-1997 Ryki-Żyrzyn 2D (PGNiG)</p> <p>1998 Radość-Zamość 2D (Apache)</p> <p>1999 Rycice 2D (Apache)</p> <p>2003-2004 Pionki-Kazimierz 2D (It-Teżor)</p> <p>2003 Strych-Stężycza 2D (It-Teżor)</p> <p>2004 Pionki-Kazimierz 3D (It-Teżor)</p> <p>2005 Kock-Tarkawica 2D (It-Teżor)</p> <p>2011 Czernic-Ryki 2D (PGNiG)</p>
Bjar riferenzjarji u ta' tpaċija (TVD)	<p>il-bjar riferenzjarji: Abramów 1 (4 825,8 m), Dęblin 8 (2 928,1 m)</p> <p>il-bjar ta' tpaċija: Stężycza 1 (3 724 m)</p>

6. id-data tal-bidu tal-attivajiet:

L-attivajiet koperti mill-konċessjoni jibdew fi żmien 14-il jum mid-data li fiha d-deċizzjoni dwar l-għoti tal-konċessjoni ssir finali.

7. kundizzjonijiet għall-għoti ta' konċessjoni, b'mod partikolari rigward l-ammont, il-kamp ta' applikazzjoni u l-mod tal-għoti ta' garanzija msemmija fl-Artikolu 49x(1) tal-Att dwar il-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri u, fejn ġustifikat, l-ammont, il-kamp ta' applikazzjoni u l-mod tal-għoti tal-garanzija msemmija fl-Artikolu 49x(2) ta' dak l-Att:

L-offerent magħżul huwa meħtieġ li jagħti garanzija li tkopri n-nuqqas ta' konformità jew il-konformità mhux xierqa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-konċessjoni u għall-iffinanzjar u l-għeluq ta' xogħlijiet f'minjieri jekk il-konċessjoni tis-kadi, tiġi ritirata jew issir invalida. Din il-garanzija għandha tingħata għall-perjodu mid-data li fiha tingħata l-konċessjoni sa tmiem il-fażi tal-prospettar u l-esplorazzjoni. L-ammont tal-garanzija huwa ta' PLN 100 000. L-għamla u d-data tal-ħlas tagħha huma rregolati mill-Artikolu 49x(4) u (5) tal-Att dwar il-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri.

8. ambitu minimu ta' xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew operazzjonijiet tal-minjieri:

Il-programm minimu ta' xogħlijiet ġeoloġiċi propost għall-prospettar u l-esplorazzjoni tal-fażi tinkludi:

It-tul ta' stadju I: 12-il xahar

ambitu: l-interpretazzjoni u l-analiżi ta' dejta ġeoloġikaarkivjali

It-tul ta' stadju II: 12-il xahar

ambitu: l-eżekuzzjoni ta' sħarriġ seżmiku 2D (100 km) jew it-tħaffir ta' spiera waħda sa fond massimu ta' 5 000 m bit-teħid obbligatorju ta' massi ċilindriċi ta' intervalli prospettivi

It-tul ta' stadju III: 24 xahar

ambitu: it-tħaffir ta' spiera waħda sa fond massimu ta' 5 000 m bit-teħid obbligatorju ta' massi ċilindriċi ta' intervalli prospettivi

It-tul ta' stadju III: 12-il xahar

ambitu: l-analiżi tad-dejta miksuba

9. il-perjodu li għalih għandha tingħata l-konċessjoni:

Il-perjodu ta' konċessjoni huwa ta' 10 snin:

- fażi ta' prospettar u esplorazzjoni li ttul ħames snin, li tibda mid-data li fiha tingħata l-konċessjoni,
- il-fażi ta' estrazzjoni, li tibda mid-data li fiha tinkiseb deċiżjoni ta' investment.

10. kundizzjonijiet speċifiċi biex jitwettqu l-attivitajiet u għall-iżgurar tas-sikurezza pubblika, is-saħħa pubblika, il-protezzjoni ambjentali u l-ġestjoni razzjonali tad-depożiti:

L-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-konċessjoni ma għandux jkser id-drittijiet tas-sidien tal-artijiet u ma jnehnix il-ħtieġa ta' konformità ma' rekwiżiti oħra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni, b'mod partikolari l-Att dwar il-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Minjieri, u rekwiżiti dwar l-użu tal-art, il-ħarsien ambjentali, ir-raba' u l-foresti, in-natura, l-ilma u l-iskart.

11. il-ftehim mudell għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri:

Il-ftehim mudell huwa mehmuż bħala anness ma' dan id-dokument.

12. informazzjoni dwar l-ammont tat-tariffa għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri:

L-ammont minimu tat-tariffa minima għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri għaż-żona "Ryki" matul il-perjodu bażi ta' ħames snin huwa PLN 205 866 (fi kliem: mitejn elf u ħamest elef u tmien mija u sitta u sittin zloty) fis-sena. It-tariffa annwali għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri għall-finijiet tal-prospettar u l-esplorazzjoni tal-minerali huwa indiċjat skont l-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur medju annwali stabbiliti b'mod kumulattiv għall-perjodu mill-konklużjoni tal-ftehim sas-sena ta' qabel id-data tal-ħlas tat-tariffa, kif imħabbar mill-President tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika f'*Monitor Polski* (Gazzetta Uffiċjali) (l-Artikolu 49h(3)(12) tal-Att dwar il-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri).

13. informazzjoni dwar ir-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu mill-offerti u d-dokumenti mitluba minn offerenti oħra:

1. L-offerti għandhom jispeċifikaw:

- 1) l-isem (isem in-negozju) u l-uffiċċju reġistrat tal-offerent;
- 2) is-suġġett tal-offerta, flimkien ma' deskrizzjoni li tiddefinixxi ż-żona fejn il-konċessjoni trid tingħata u d-dritt ta' użufrutt tal-minjieri għandhom jiġu stabbiliti;
- 3) il-perjodu li għalih għandha tingħata l-konċessjoni, it-tul tal-fażi ta' prospettar u l-esplorazzjoni u d-data tal-bidu tal-attivitajiet;
- 4) l-għan, l-ambitu u n-natura tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew operazzjonijiet tal-minjieri u informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li għandhom jitwettqu biex jinkiseb l-għan maħsub u t-teknoloġiji li għandhom jintużaw;
- 5) skeda ta' żmien, maqsuma fi snin, għax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi operazzjonijiet ġeoloġiċi, u l-ambitu ta' xogħlijiet bħal dawn;

- 6) l-ambitu u l-iskeda ta' żmien tal-ġbir obbligatorju ta' kampjuni miksuba matul l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, inklużi massi ċilindriċi tat-tħaffir, kif imsemmi fl-Artikolu 82(2)(2) tal-Att dwar il-Liġi Geoloġika u tal-Minjieri;
 - 7) drittijiet miżmuma mill-offerent għall-proprjeta' immobbli (żona) li fiha l-attivitajiet huma maħsuba li għandhom jitwettqu, jew id-dritt għall-istabbilimen li għalih tkun qed tapplika dik l-entità;
 - 8) lista ta' żoni koperti minn skemi ta' konservazzjoni tan-natura; dan ir-rekwiżit ma jikkonċernax proġetti li għalihom hija meħtieġa deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet ambjentali;
 - 9) il-mod li bih l-impatti ambjentali negattivi tal-attivitajiet maħsuba jiġu mtaffija;
 - 10) l-ambitu tal-informazzjoni ġeoloġika disponibbli għall-offerent;
 - 11) l-esperjenza fil-prospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti taż-żejt jew l-estrazzjoni ta' idrokarburi, bl-iżgurar tal-operazzjoni sikura, il-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali, u l-protezzjoni ambjentali;
 - 12) kapaċitajiet tekniċi għal, rispettivament, il-prospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti taż-żejt u l-estrazzjoni ta' idrokarburi, u b'mod partikolari d-disponibilità ta' teknika, organizzattiva, loġistika u l-potenzjal tar-riżorsi umani;
 - 13) kapaċitajiet finanzjarji li joffru garanzija xierqa li attivitajiet b'rabta ma', rispettivament, li l-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti tal-idrokarburi u l-estrazzjoni tal-idrokarburi se jitwettqu, u b'mod partikolari s-sorsi u l-metodi tal-finanzjament tal-attivitajiet maħsuba, inkluż is-sehem ta' fondi proprji u finanzjament estern;
 - 14) it-teknoloġija proposta għat-twettiq ta' xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew l-operazzjonijiet tal-minjieri;
 - 15) l-ammont propost tat-tariffa għad-drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri, b'dan ikun mhux inqas mill-ammont speċifikat fl-avviż tat-tnedija tal-proċedura ta' offerti;
 - 16) l-għamla proposta tal-għoti ta' garanzija;
 - 17) jekk tiġi sottomessa offerta b'mod konġunt minn diversi entitajiet, din għandha tispeċifika wkoll:
 - (a) l-isem (ismijiet tan-negozju) u l-uffiċċji reġistrati tal-entitajiet kollha li jissottomettu offerta;
 - (b) l-operatur;
 - (c) l-ishma perċentwali tal-ispejjeż tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi operazzjonijiet ġeoloġiċi, proposti fil-ftehim ta' kooperazzjoni.
2. Offerti sottomessi fi proċedura ta' offerti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stipulati fl-avviż tat-tnedija ta' dik il-proċedura tal-offerti.
 3. Id-dokumenti li ġejjin għandhom ikunu mehmuża mal-offerti:
 - 1) provi tal-eżistenza taċ-ċirkustanzi deskritti fl-offerta, b'mod partikolari siltiet mir-reġistri rilevanti;
 - 2) prova li sar depożitu;
 - 3) kopja tad-deċiżjoni li tikkonferma r-riżultat pożittiv pta' roċedura ta' kwalifika, kif previst fl-Artikolu 49a(17) tal-Att dwar il-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri;
 - 4) annessi grafiċi mħejjija skont ir-rekwiżiti b'rabta mal-mapep tal-minjieri, li jindikaw li l-limiti amministrattivi tal-pajjiż;
 - 5) impenji bil-miktuba li r-riżorsi tekniċi jkunu disponibbli għall-entità li tiegħu sehem fil-proċedura tal-offerti jekk ir-riżorsi tekniċi ta' entitajiet oħrajn jintużaw meta tkun qed tiġi implimentata l-konċessjoni;
 - 6) żewġ kopji tal-fajl tal-proġett tal-operazzjonijiet ġeoloġiċi.
 4. L-offerenti jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom stess, jipprovdu informazzjoni addizzjonali fl-offerti tagħhom jew jehmżu dokumenti addizzjonali.

5. Id-dokumenti mressqa mill-offerenti għandhom ikunu l-orijinali jew kopji awtentiċi ċċertifikati ta' dokumenti oriġinali kif previst fil-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal kopji ta' dokumenti li jridu jiġu meħmuża ma' offerenti u li nħolqu mill-awtorità konċedenti.
 6. Dokumenti mfassla b'lingwa barranija għandhom jitressqu flimkien ma' traduzzjoni fil-Pollakk minn traduttur ġuramentat.
 7. L-offerti jridu jiġu sottomessi f'envelop issiġillat jew f'pakkett issiġillat li jkollu l-isem (jew isem in-negozju) tal-applikant u li jindika s-suġġett ta' proċedura tal-offerti.
 8. Offerenti sottomessi wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-offerti se jiġi rritornat mhux miftuħa lill-offerenti.
- 14. Informazzjoni dwar il-mod tat-tressiq tad-depożitu, l-ammont tad-depożitu u d-data tal-ħlas:**

L-offerenti huma mitluba jiddepożitaw depożitu ta' PLN 1 000 (fi kliem: elf zloty) qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' offerenti.

TAQSIMA IV: INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

IV.1) Il-kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerta

Kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti huma appuntat mill-awtorità tal-konċessjoni għall-fini tat-tweqqif tal-proċedura tal-offerti u l-għażla tal-offerta l-aktar vantaġġuża. Il-kompożizzjoni u r-regoli ta' proċedura tal-kumitat huam speċifikati fir-Regolament tal-Kabinett tat-28 ta' Lulju 2015 dwar l-offerti għall-konċessjonijiet għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti tal-idrokarburi u l-estrazzjoni tal-idrokarburi, u konċessjonijiet għall-estrazzjoni tal-idrokarburi (Il-Ġurnali tal-Liġijiet, 2015, il-punt 1171). Il-kumitat ta' evalwazzjoni tal-offerta jressaq rapport dwar il-proċedura tal-offerti lill-awtorità ta' konċessjoni għall-approvazzjoni. Flimkien mal-offerti u d-dokumenti kollha relatati mal-proċedura tal-offerti, ir-rapport huwa miftuħ għal entitajiet oħra li jissottomettu offerenti.

IV.2) Spjegazzjonijiet addizzjonali

Fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż, entità interessata tista' titlob lill-awtorità tal-konċessjoni li tispjega fid-dettall l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Fi żmien sebat ijiem minn meta tirċievi t-talba, l-awtorità tal-konċessjoni se tippubblika l-ispeċifikazzjonijiet f'*Biuletyn Informacji Publicznej* (Bulletin Pubbliku tal-Infurmazzjoni), fuq il-paġna tal-uffiċċju amministrattiv subordinat għall-awtorità.

IV.3) Tagħrif addizzjonali

Informazzjoni sħiħa dwar iż-żona koperta mill-proċedura tal-offerti nġabret mis-Servizz Ġeoloġiku Pollakk fil-*Pakiet danych geologicznych* (Pakkett tad-Dejta Ġeoloġika), li jista' jinstab mis-sit tal-Internet tal-Ministeru tal-Ambjent (www.mos.gov.pl) u mid-Dipartiment tal-Ġeoloġija u tal-Konċessjonijiet Ġeoloġiċi

Il-Ministeru tal-Ambjent
Ul. Wawelska 52/54
00-922 Warszawa
POLSKA/POLAND
Tel. +48 223692449
Feks: +48 223692460

ANNEX

FTEHIM

li jistabbilixxi drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u l-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u l-gass naturali fiż-żona "Ryki"

konkluż f'Varsavja nhar 2016 bejn:

It-Teżor, rappreżentat mill-Ministru għall-Ambjent, għalih u f'ismu s-Sur Mariusz Orion Jędrysek, Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Ambjent u Ġeoloġista Ewlieni tal-Polonja, jaġixxi bis-setgħa tal-prokura Nru 5 tas-27 ta' Jannar 2016, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "It-Teżor"

u

XXX, bl-uffiċċju reġistrat fi: (indirizz sħiħ)

minn hawn 'il quddiem imsejjaħ id-"Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri",

jipprovdi kif ġej:

Taqsim 1

1. It-Teżor, bħala l-proprjetarju esklussiv tas-sottostrat tal-qoxra tad-dinja li tkopri ż-żona fil-muniċipalitajiet ta' Gniezów, Sieciechów u Trojanów u l-belt u l-muniċipalità ta' Kozienice fil-Provinċja ta' Mazowieckie, u fil-muniċipalitajiet ta' Kłoczew, Stężyca, Nowodwór, Ułęż, Michów, Abramów, Baranów, Żyrzyn, Puławy, Końskowola, Kurów u Markuszów, il-bliet u l-muniċipalitajiet ta' Ryki u Nałęczów, u l-bliet ta' Dęblin u Puławy fil-Provinċja ta' Lubelskie, li l-konfini tagħhom huma definiti permezz ta' linji li jgħaqqdu l-punti (1 sa 25), bil-koordinati li ġejjin fis-sistema tal-koordinati PL-1992:

Le	Koordinati	
	X	Y
1	435 481,979	700 604,461
2	412 349,860	725 578,280
3	407 494,550	731 105,463
4	398 381,374	724 478,081
5	391 027,020	724 815,787
6	398 721,512	708 533,597
7	406 938,848	691 560,887
8	407 325,820	692 222,720
9	409 150,210	695 716,820
10	416 283,820	695 521,790
11	417 513,160	683 035,520
12	420 925,352	682 944,964
13	421 010,200	685 294,800
14	420 923,257	685 271,705
15	420 469,347	685 725,435

Le	Koordinati	
	X	Y
16	420 460,444	686 189,020
17	419 968,312	687 320,488
18	419 554,494	687 716,988
19	419 553,988	688 409,446
20	420 317,355	689 664,428
21	420 580,600	689 659,355
22	421 133,163	688 618,600
23	421 361,480	694 639,270
24	424 645,990	692 342,610
25	435 143,760	691 942,040

b'dan jistabbilixxi dritt ta' użufrott tal-minjieri għad-Detentur ta' Drittijiet tal-Użufrott tal-Minjieri fiż-żona deskritta hawn fuq, limitata minn fuq bil-konfini t'isfel ta' proprjetajiet tal-art tas-superfiċe u minn taħt mill-qiegħ tal-formazzjonijiet Devonjani, sakemm id-Detentur ta' Drittijiet tal-Użufrott tal-Minjieri jikseb konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u l-gass naturali fiż-żona ta' "Ryki" fi żmien sena mid-data tal-ftehim li jistabbilixxi d-drittijiet tal-użufrott tal-minjieri.

2. Jekk il-kundizzjoni biex tinkiseb il-konċessjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix sodisfatta, l-obbligi taħt il-Ftehim jaqgħu.
3. Fiż-żona tal-massa tal-blat speċifikata fil-paragrafu 1, id-Detentur ta' Drittijiet tal-Użufrott tal-minjieri jista':
 1. fformazzjonijiet Devonjani u Karboniferi, iwettaq attivitajiet b'rabta mal-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u l-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali; u
 2. fil-bqija taż-żona, iwettaq xogħlijiet u attivitajiet li huma meħtieġa sabiex wieħed ikollu aċċess għall-formazzjonijiet Devonjani u Karboniferi.
4. Is-superfiċe tal-projezzjoni vertikali taż-żona deskritta hawn fuq hija 968,69 km².

Taqsim 2

1. Il-ftehim li jistabbilixxi drittijiet ta' użufrott tal-minjieri għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta tinkiseb il-konċessjoni.
2. Id-dritt ta' użufrott tal-minjieri għandu jiġi stabbilit għal perjodu ta' 10 snin, inklużi ħames snin għall-fażi tal-prospettar u l-esplorazzjoni u ħames snin għall-fażi tal-estrazzjoni, soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsim 9.
3. L-użufrott tal-minjiera jiskadi fid-data meta l-konċessjoni tkun mitmuma.

Taqsim 3

1. Id-drittijiet tal-użufrott tal-minjieri jintitolaw lid-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrott tal-Minjieri li juża ż-żona speċifikata fit-Taqsim 1 fuq bażi esklussiva għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u l-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u l-gass naturali fiż-żona ta' "Ryki", kif ukoll għat-twertieq tal-operazzjonijiet u l-attivitajiet kollha meħtieġa għal dan il-għan f'dik iż-żona skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, b'mod partikolari l-Att tal-Liġi Ġeoloġika u dwar il-Minjieri tad-9 ta' Ġunju 2011 (Ġurnal tal-Liġijiet (*Dziennik Ustaw*) 2015, il-punt 196, kif emendat), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att tal-Liġi Ġeoloġika u dwar il-Minjieri", u deċiżjonijiet meħhuda skont din. Matul il-fażi għall-prospettar u l-esplorazzjoni, id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrott tal-Minjieri jista' jiżviluppa l-minerali li jkunu qed jiġu esplorati biss sal-punt meħtieġ biex iħejji d-dokumentazzjoni ġeoloġika u tal-investment.

2. Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufрут tal-Minjieri għandu jinnotifika lit-Teżor bil-miktub dwar kwalunkwe bidla li tirriżulta f'bidla fl-isem jew fil-forma organizzattiva, bidliet fir-reġistrazzjoni u fin-numri ta' identifikazzjoni jew żidiet jew tnaqqis fil-kapital tal-ishma, trasferiment tal-konċessjoni lil entità oħra b'operat tal-liġi, il-preżentata ta' petizzjoni ta' falliment, id-dikjarazzjoni ta' falliment, il-ftuħ ta' proċedura ta' arranġament jew il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ. It-Teżor jista' jeħtieġ li jingħataw l-isjegazzjonijiet meħtieġa f'każijiet bħal dawn. In-notifika għandha ssir fi żmien 30 jum mid-data meta jseħħu ċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq.

Taqsimha 4

Dan il-ftehim għandu jkun bla ħsara għad-drittijiet ta' partijiet terzi, b'mod partikolari s-sidien tal-art, u d-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufрут tal-Minjieri ma għandux ikun eżentat mill-ħtieġa li jkun konformi mar-rekwiżiti previsti mil-liġi, b'mod partikolari dawk dwar it-tiftix u l-esplorazzjoni ta' minerali u l-protezzjoni u l-użu tar-riżorsi ambjentali.

Taqsimha 5

It-Teżor jirriżerva d-dritt li jstabbilixxi fiż-żona msemmija fit-Taqsimha 1(1) drittijiet ta' użufрут tal-minjieri bl-għan li jwettqu attivitajiet oħra minbarra dawk speċifikati fil-ftehim, b'mod li ma jiksru id-drittijiet tad-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufрут tal-Minjieri.

Taqsimha 6

1. Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufрут tal-Minjieri għandu jħallas lit-Teżor din it-tariffa għad-drittijiet tal-użufрут tal-minjieri fiż-żona speċifikata fit-Taqsimha 1(1) tul il-fażi ta' ħames snin ta' prospettar u esplorazzjoni għal kull sena tal-użufрут tal-minjieri (magħduda bħala 12-il xahar konsekuttiv):

- (a) PLN (*ammont*) (*fi kliem*:
zlotys) għall-ewwel sena tal-użufрут li tibda mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufрут tal-minjieri;
- (b) PLN (*ammont*) (*fi kliem*:
zlotys) għat-tieni sena tal-użufрут li tibda mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufрут tal-minjieri;
- (c) PLN (*ammont*) (*fi kliem*:
zlotys) għat-tielet sena tal-użufрут li tibda mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufрут tal-minjieri;
- (d) PLN (*ammont*) (*fi kliem*:
zlotys) għar-raba' sena tal-użufрут li tibda mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufрут tal-minjieri;
- (e) PLN (*ammont*) (*fi kliem*:
zlotys) għall-ħames sena tal-użufрут li tibda mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufрут tal-minjieri;

— soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

2. Jekk id-data ta' ħlas tat-tariffa dovuta għal sena partikolari ta' użufрут tal-minjieri taqa' bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Marzu, id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufрут tal-Minjieri għandu jħallas it-tariffa sal-1 ta' Marzu. Madankollu, jekk il-ħlas jiġi indiċjat skont il-paragrafi 3 sa 5, id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufрут tal-Minjieri għandu jħallasha mhux qabel id-data li fiha l-indiċi msemmija fil-paragrafu 3 tkun tħabbret, wara li jkun tqies l-indiċi.
3. It-tariffa msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun indiċjata għal medja annwali ta' indiċijiet tal-prezzijiet tal-konsumatur stabbiliti għall-perjodu minn meta ġie konkluż dan il-ftehim sa sena qabel id-data ta' ħlas tat-tariffa, kif imħabbar mill-President tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika f'*Monitor Polski* (Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja).
4. Jekk id-data tal-ħlas tat-tariffa taqa' fl-istess sena kalendarja bħal dak li fih ġie konkluż il-ftehim, it-tariffa ma tiġix indiċjata.
5. Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż u daħal fis-seħħ fis-sena ta' qabel is-sena li fiha tkun id-data tal-ħlas tat-tariffa, it-tariffa ma tiġix indiċjata jekk id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufрут tal-Minjieri iħallas dan sal-aħħar tas-sena kalendarja li fiha l-ftehim jiġi konkluż u jidħol fis-seħħ.

6. Jekk id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjierijiet id-dritt ta' użufrutt tal-minjieri stabbilit fil-ftehim qabel il-limitu ta' żmien speċifikat fit-Taqsima 2(1) u (2) jiskadi, id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri għandu jkun meħtieġ li jħallas tariffa ta' użufrutt għas-sena sħiħa li fiha dawn id-drittijiet kienu jintilfu. Jekk, madankollu, id-drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri jintilfu b'riżultat ta' rtirar ta' konċessjoni jew għar-raġunijiet speċifikati fit-Taqsima 9(1), (3) jew (4), id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri għandu jħallas il-miżata sħiħa tal-użufrutt għall-perjodu speċifikat fit-Taqsima 2(1) u (2), filwaqt li jitqies l-indiċjar għas-sena li tiġi qabel it-tmiem tal-ftehim. Il-miżata għandha ssir fi żmien 30 jum mid-data li fiha ntief id-dritt ta' użufrutt tal-minjieri. It-telf ta' drittijiet ta' użufrutt ma għandux jeħles lid-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri mill-obbligi ambejntali b'rabta mas-suġġett tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri, b'mod partikolari l-obbligi b'rabta mal-protezzjoni tad-depożiti.
7. Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri għandu jħallas tariffa għal drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri fil-kont bankarju tal-Ministeru tal-Ambjent fil-fergħa ta' Varsavja tal-Bank Nazzjonali tal-Polonja, Nru 07 1010 1010 0006 3522 3100 0000, għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri b'rabta ma' konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u l-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u l-gass naturali fiż-żona ta' "Ryki".

Id-data tal-ħlas għandha tkun id-data li fiha l-fondi jiġu akkreditati lil kont tat-Teżor.

8. Il-miżata msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu soġġetti għat-taxxa fuq l-oġġetti u s-servizzi (VAT). Jekk il-leġiżlazzjoni tiġi emendata fis-sens li l-attivitajiet li huma s-suġġett ta' dan il-ftehim jiġu soġġetti għal tassazzjoni, l-ammont tat-tariffa għandu jiżdied bl-ammont ta' taxxa dovuta.
9. It-Teżor għandu jinnotifika lid-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri bil-miktub bit-tibdil fin-numru tal-kont imsemmi fil-paragrafu 7.
10. Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri għandu jibgħat kopji ta' prova ta' ħlas tat-tariffa msemmija fil-paragrafu 1 lit-Teżor tal-Istat fi żmien sebat ijiem mid-data tal-ħlas tat-tariffa għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri.

Taqsima 7

Wara li d-Detentur ta' Dritt ta' Użufrutt tal-Minjieri jikseb deċiżjoni ta' investiment li tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-estrazzjoni taż-żejt u l-gass naturali, il-partijiet għandhom, fi żmien 30 jum mid-data ta' dik id-deċiżjoni, jif-firma anness ta' dan il-ftehim li jispeċifika l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-ftehim matul il-fażi ta' estrazzjoni.

Taqsima 8

Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri jista' jeżerċita dritt ta' użufrutt tal-minjieri stabbilit fit-Taqsima 1(1) biss wara li jkun kiseb il-kunsens bil-miktub mit-Teżor.

Taqsima 9

1. Jekk id-Detentur ta' drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri jikser l-obbligi stipulati fil-ftehim, it-Teżor jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4, jtemm il-ftehim b'effett immedjat, mingħajr ma d-Detentur ta' Dritt ta' Użufrutt tal-Minjieri jkun intitolat jagħmel xi talbiet dwar il-proprjetà. Madankollu, il-Ftehim ma għandux jiġi mitmum jekk id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri jikser l-obbligi tal-ftehim minħabba *force majeure*.
2. Jekk il-Ftehim jiġi tterminat għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1, id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri għandha tħallas lit-Teżor tal-Istat penali kuntrattwali ta' 25 % tal-miżata għall-perjodu kollu ta' użufrutt speċifikat fit-Taqsima 2 (1) u (2), soġġett għall-indiċjar għas-sena ta' qabel is-sena li fiha l-kuntratt ġie tterminat.
3. Jekk id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjierid-dewmien tal-ħlas b'aktar minn sebat ijiem wara ż-żmien speċifikat fit-Taqsima 6(1) jew (2), it-Teżor tal-Istat għandha titlob lid-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri li jħallsu miżata pendenti fi żmien sebat ijiem mill-wasla tat-talba, u fin-nuqqas ta' dan il-Ftehim għandu jiġi tterminat b'effett immedjat.
4. It-Teżor jista' jtemm il-Ftehim fl-intier tiegħu jew parti minnu billi jagħti avviż ta' 30 jum, effettiv fi tmiem tax-xahar tal-kalendarju, jekk id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjierima tinfurmax it-Teżor tal-Istat taċ-ċirkostanzi msemmija fit-Taqsima 3(2) fi żmien 30 ġurnata minn meta din tirriżulta.
5. Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri huma marbuta bil-ftehim sad-data li fiha tintemm tal-konċessjoni u ma jistgħux itemmu l-ftehim.

6. Il-Ftehim għandu jiġi terminat bil-miktub u fin-nuqqas ta' dan, it-tmiem ma jkunx validu.
7. Il-partijiet jaqblu li jekk it-Teżor itemm il-ftehim, it-tariffa mħallsa għal dritt ta' użufrutt tal-minjieri, imsemmija fit-Taqsima 6(1), ma għandhiex tiġi rimborżata.
8. It-Teżor iżomm id-dritt li jintalab kumpens li jaqbeż l-ammont ta' penali kuntrattwali f'termini ġenerali jekk l-ammont ta' ħsara mġarrba mit-Teżor jeċċedi l-penali kuntrattwali.

Taqsima 10

F'każ ta' *force majeure*, il-partijiet għandhom immedjatament jagħmlu kull sforz biex jaqblu fuq pjan ta' azzjoni. "*Force majeure*" għandha tinftiehem bħala avveniment mhux mistenni li jaffettwa direttament lid-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri, jipprevjeni t-twertiq tal-attivitajiet li għalihom jirrelata l-ftehim u ma jstgħux jitbassru jew jiġu evitati.

Taqsima 11

Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri jstgħu japplikaw għal estensjoni tal-ftehim, fl-intier tiegħu jew f'parti minnu, u għandhom jagħmlu dan bil-miktub, inkella t-talba tiġi invalida.

Taqsima 12

Jekk il-ftehim jiġi terminat, id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri ma għandu jkun intitolat li jagħmel l-ebda talba kontra t-Teżor għal żieda fil-valur ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri.

Taqsima 13

Kwalunkwe tilwim li jirriżulta minn dan il-ftehim għandu jiġi riżolt mill-qorti ordinarja b'ġuriżdizzjoni fuq is-sede tat-Teżor.

Taqsima 14

Fi kwistjonijiet li mhumiex koperti b'dan il-ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Liġi Ġeoloġika u tal-Minjieri u tal-Kodiċi Ċivili, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kiri, għandhom japplikaw.

Taqsima 15

Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri għandu jgħorr l-ispejjeż tal-konklużjoni tal-ftehim.

Taqsima 16

Emendi għal dan il-ftehim għandhom isiru bil-miktub, u jekk dan ma jsirx, dawn ma jkunux validi.

Taqsima 17

Dan il-Ftehim ġie mfassal fi tliet kopji identiċi (kopja waħda għad-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri u żewġ kopji għall-Ministru tal-Ambjent).

It-Teżor

Id-Detentur ta' Drittijiet ta' Użufrutt tal-Minjieri
